# San Blas

## *storja, tradizzjonijiet u drawwiet*

**kitba ta' Dr. Mario Saliba**

*(minn artiklu itwal ta' l-istess awtur)*

**F'Malta għadek issib knisja qadima li hija ddedikata lil dan il-qaddis fl-inħawi ta' bejn is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ. Din il-knisja jingħad li kienet inbniet fis-seklu XV. Huwa magħruf ukoll li kienet tkabbret fis-seklu XVII. Xi ftit tas-snin ilu l-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina kien ħalla din il-knisja qadima f'idejn il-Moviment Azzjoni Soċjali (MAS) biex jieħu ħsiebha. Il-MAS ħadet ħsieb tar-restawr tal-knisja u ta' xogħlijiet oħra meħtieġa u llum qed tintuża biex isiru xi attivitajiet soċjali u kulturali mill-istess moviment.**



*Il-kappella ta' San Blas* *(Bil-korteżija ta' Raymond Sant)*

San Blas kien Isqof ta' Sebaste fl-Armenja fis-seklu IV. Huwa jissemma f'Martiroloġji storiċi tas-seklu IX u huwa assoċjat mad-data tal-15 ta' Frar; għalkemm il-kalendarju Grieg ipoġġih fil-11 ta' Frar. Minkejja dan, kull referenza għal San Blas taqbel li huwa kien Isqof ta' Sebaste fl-Armenja u li l-martirju tiegħu seħħ fi żmien il-ħakma ta' Licinius, madwar is-sena 316. Ta' min jgħid li San Blas huwa l-uniku qaddis rappreżentattiv tal-Knisja ta' l-Armenja fil-Kalendarju Ruman.[1]

L-informazzjoni li teżisti dwar San Blas hi msejsa fuq Atti leġendarji. Skond dawn l-Atti, Bjaġju kien tabib qabel ma sar isqof. Huwa kien meħud priġunier fuq ordni tal-gvernatur Agricolaus. Minħabba l-persekuzzjoni ta' Licinius huwa kien ħarab fid-deżert u n-nies tal-gvernatur kienu sabuh mistoħbi ġewwa għar. Meta kien il-ħabs San Blas għamel miraklu meta fejjaq tifel li kellu xewka ta' ħuta mwaħħla fi griżmejh u li minħabba fiha kien qed jifga.

F'Malta, sa ftit taż-żmien ilu, kienu jbierku ħbejżiet li jitqassmu lil dawk preżenti. Dawn kienu jintużaw bħala devozzjoni fil-mard tal-griežem u xi drabi wkoll waqt il-ħlas. Din it-tradizzjoni kienet issir kemm fil-Kattidral ta' l-Imdina kif ukoll fil-knisja tal-Ġeżwiti l-Belt.[2] Illum din it-tradizzjoni għadha ssir fil-kappella ta' San Blas, ġà msemmija, billi jsir tqassim ta' ħbejżiet tradizzjonali u trattament fil-festa ta' dan il-qaddis, li taħbat fid-data tal-mewt tiegħu, fit-3 ta' Frar. F'din l-okkażjoni jsir ukoll it-

tberik ta' l-annimali u l-prodotti tar-raba', peress li San Blas huwa popolari ħafna fil-kampanja, tant li huwa kkonsidrat bħala l-patrun tal-bdiewa wkoll. San Blas kien iħobb ħafna lill-annimali, peress li għex għal numru ta' snin imdawwar bihom. Saħansitra kien anke jagħmel il-mirakli biex ifejjaqhom mill-mard tagħhom.[3]

Meta kien il-ħabs, Bjaġju sofra diversi għamliet ta' tortura. Skond l-Atti li ġà semmejna huwa kien maqtul billi qatgħulu rasu barra. Il-qima fl-Ewropa lejn dan il-qaddis Orjentali bdiet fis-seklu IX u San Blas kien wieħed mill-aktar qaddisin popolari taż-Żminijiet tan-Nofs. Għala kien daqstant popolari ma nafux. Probabbilment din il-popolarità kienet minħabba li kien tabib u minħabba n-numru kbir ta' fejqan li seħħew bl-interċessjoni tiegħu. Għalhekk kienu ħafna dawk l-insara li kienu jitolbuh fil-bżonnijiet tagħhom waqt il-mard.

Hawn Malta San Blas huwa wkoll il-qaddis protettur tal-qwiebel. Barra minn Malta l-konnessjoni ta' San Blas mat-twelid tat-tfal mhix imsemmija, iżda hawn Malta kienu jitolbuh waqt il-ħlas. Dan forsi għax kien tabib? Fl-imgħoddi f'Malta qabel il-ħlas kienu jsiru ħafna wegħdiet lil diversi qaddisin, u jagħmlu li jistgħu biex idaħħlu l-għajnuna sopranaturali. Kien hemm devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Ħlas iżda kienu jitolbu wkoll lil diversi qaddisin, fosthom San Blas. Lil San Blas kienu jitolbuh: "San Blas, San Blas, wessa' t-toqba u ċekken ir-ras!".[4]

Madwar l-Ewropa nsibu diversi knejjes iddedikati lil San Blas. Fost dawn hemm f'Taranto, Ragusa u fil-Foresta s-Sewda fil-Ġermanja. Fis-seklu XV u XVI fil-Ġermanja San Blas kien invokat ħafna f'każijiet ta' emorraġiji u ulċeri.[5] F'dawn il-postijiet insibu xi relikwiji li jingħad huma ta' dan il-qaddis. San Blas huwa meqjum ħafna f'Maratea, belt żgħira li tiġi fuq waħda mix-xtut sbieħ ta' Tirreno. Għal iktar minn tnax-il seklu nsibu r-relikwiji fis-santwarju tiegħu. Skond it-tradizzjoni tal-post, fit-12 ta' Mejju tas-sena 732 xi nsara Armeni ġabu biċċa minn ġismu mill-Bażilika ta' Sebaste fl-Armenja, fejn kien midfun wara l-martirju biex jaħbuh u ma jiġix meqrud mill-ikonoklasti.[6]

L-użanzi f'dawn il-postijiet huma differenti minn tagħna. Fil-festa tal-qaddis, fil-knisja ssir ċerimonja fejn il-qassis iżomm żewġ xemgħat fuq ras in-nies u jgħid talba. Il-qassis ukoll imiss il-griżmejn tan-nies bix-xemgħa mbierka waqt li jgħid talba lil San Blas li bil-Latin hija xi ħaġa hekk: *"Per intercessionem S. Blasii libera te Deus a malo gutteris et a quovis alio malo"*. Bil-Malti din tfisser: *"Nitolbu biex bl-interċessjoni ta' San Blas Alla jħarisna mill-mard tal-griżem u minn kull deni ieħor"*. Immaġini ta' dan il-qaddis turina lil San Blas b'żewġ xemgħat imsallbin f'idejh jew lill-qaddis ġo għar 'il barra mill-belt ta' Sebaste mdawwar bl-annimali selvaġġi kif kienu sabuh skond il-leġġenda n-nies tal-gvernatur Agricolaus.[7] Din l-użanza tat-tberik tax-xemgħa probabbli ġejja mir-rakkont ta' wieħed mill-ħafna mirakli li għamel San Blas matul iż-żmien li ġie ttorturat fil-ħabs. Jingħad li kien hemm armla li l-lupu serqilha ferħ ta' majjal. Il-mara li ħadet il-barka tiegħu, ħaditlu l-ikel u xemgħa u hu, kommoss, qalilha: "Offri kull sena xemgħa lill-knisja li tinbena f'ismi u jkollok ħafna ġid u xejn ma jkun jonqsok".[8]

**Fil-jum tal-festa tiegħu l-Knisja għandha din it-talba: *"Mulej isma' t-talb tal-martri tiegħek San Bjaġju. Agħtina l-hena u l-paċi f'din id-dinja u għinna naqilgħu l-ferħ ta' dejjem".*[9]**

**Riferenzi:**

1 E. Lodi, *Saints of the Roman Calender*, 1999, p.39.
2 G. Lanfranco, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*, 2001, p.171.
3 N. Vella Apap, Luminarja, Ħarġa Nru. 44, Marzu, 1996, p.6.
4 G. Lanfranco, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*, 2001, p.69.
5 E. Lodi, *Saints of the Roman Calender*, 1999, p.40.
6 N. Vella Apap, Luminarja, Ħarġa Nru. 44, Marzu, 1996, p.6.
7 J.P. Kirsch, *New Advent Catholic Encyclopeadia*, 1980, p.457.
8 Ibid., p.458.
9 E. Lodi, *Saints of the Roman Calender*, 1999, p.40.